PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

Dokument ta' sessjoni

A8-0053/2014

5.12.2014

***I
RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova
(COM(2014)0542 – C8-0128/2014 – 2014/0250(COD))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Sorin Moisă

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI 8

PROĊEDURA 11

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova
(COM(2014)0542 – C8-0128/2014 – 2014/0250(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2014)0542),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0128/2014),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra ta' ..., li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A8-0053/2014),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova (minn hawn 'il quddiem "Moldova") oriġinarjament kienu introdotti mill-UE permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 tal-21 ta' Jannar 2008 ("Regolament dwar il-preferenzi awtonomi għall-kummerċ"). Il-konċessjoni ta' tali preferenzi kienet prevista fl-ambitu tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat tal-2005 u kienet suġġetta għal titjib sostanzjali min-naħa tal-Moldova fir-rigward tas-sistema ta' kontrolli u taċ-ċertifikazzjoni ta' oġġetti tagħha. Il-Moldova onorat l-impenji tagħha billi rriformat il-leġiżlazzjoni tagħha fil-qasam tad-dwana u poġġietha fil-prattika amministrattiva, b'mod sodisfaċenti, sal-2007.

Għalhekk minn Jannar 2008 l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ tal-UE ngħataw lill-Moldova għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2015.

Il-preferenzi awtonomi għall-kummerċ ħadu post il-preferenzi SĠP+ li l-UE kienet tat lill-Moldova fil-kuntest tal-iskema SĠP tal-UE. Meta mqabbel mal-preferenzi SĠP+, ir-Regolament dwar il-preferenzi awtonomi għall-kummerċ neħħa d-dazji kollha li kien għad fadal għall-prodotti industrijali tal-Moldova u tejjeb l-aċċess lejn is-suq tal-UE għall-prodotti agrikoli tal-Moldova. B'konsegwenza ta' dan, il-prodotti kollha li joriġinaw mill-Moldova ngħataw aċċess liberu għas-suq tal-UE, ħlief lil ċerti prodotti agrikoli mniżżla fl-Anness I tar-Regolament dwar il-preferenzi awtonomi għall-kummerċ (prinċipalment laħam taċ-ċanga u tal-majjal, tjur, prodotti tal-ħalib, qamħirrun, xgħir, zokkor).

F'dawn l-aħħar snin l-UE u l-Moldova intensifikaw ir-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi tagħhom partikolarment bis-saħħa tal-konklużjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Il-Ftehim, iffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014, jinkludi kapitolu dwar il-kummerċ li se jwassal għall-ħolqien ta' żona ta' kummerċ ħieles approfondita u komprensiva (DCFTA) bejn il-Partijiet. Id-DCFTA ilha applikata b'mod provviżorju mill-1 ta' Settembru 2014 u bis-saħħa tagħha l-Moldova se tkompli żżid l-aċċess tagħha għas-suq tal-UE partikolarment permezz tal-approssimazzjoni mal-liġijiet u mal-istandards rilevanti tal-UE. Huwa importanti li jiġi osservat li l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ tal-UE huma supplementari u komplementari għar-reġim ta' liberalizzazzjoni tal-oġġetti fid-DCFTA.

Bis-saħħa tal-intensifikazzjoni tar-relazzjonijiet ekonomiċi u politiċi bejn l-UE u l-Moldova, mill-21 ta' Lulju 2014 ir-Russja imponiet projbizzjoni fuq il-prodotti agrikoli mill-Moldova minħabba raġunijiet politiċi. Tali projbizzjoni qiegħda tagħmel ħsara lill-ekonomija tal-Moldova b'mod konsiderevoli. L-agrikoltura tirrappreżenta madwar 40 % tal-ekonomija tal-Moldova. B'mod partikolari, is-settur ortikolu tagħha għandu importanza fundamentali billi joffri impjieg lil bejn wieħed u ieħor 250 000 ruħ (jiġifieri madwar 10 % tal-popolazzjoni attiva), li qegħdin jgħixu, prevalentement, f'żoni rurali u jaħdmu raba' ta' daqs minn medju sa żgħir. Barra minn hekk, il-livelli tal-esportazzjoni ta' prodotti ortikoli naqsu f'dawn l-aħħar snin u kwalunkwe tnaqqis ulterjuri sinifikanti jkollu effett negattiv sproporzjonat kemm fuq l-ekonomija kif ukoll fuq is-soċjetà kollha. Bil-għan li jfittxu aktar assistenza u sostenn f'din il-konġuttura kritika, l-awtoritajiet tal-Moldova rrikorrew lejn l-UE u talbuha sostenn biex jonqos l-impatt ekonomiku tal-projbizzjoni Russa, partikolarment għall-prodotti l-aktar importanti għall-produtturi tal-frott: tuffieħ, għajnbaqar u għeneb tal-mejda.

B'konsegwenza ta' dan, bħala att ta' solidarjetà, il-Kummissjoni pproponiet li temenda r-Regolament dwar il-preferenzi awtonomi għall-kummerċ billi tintroduċi tliet kwoti tariffarji ġodda bla dazju għat-tuffieħ frisk (40 000 tunnellata), għall-għeneb tal-mejda frisk u għall-għajnbaqar frisk (10 000 tunnellata) skont ir-Regolament dwar il-preferenzi awtonomi għall-kummerċ, barra mill-kwoti tariffarji proposti fl-ambitu tad-DCFTA. Il-preferenzi proposti joffru xi vantaġġi u assistenza immedjata lill-ekonomija tal-Moldova filwaqt li jħallu impatt ferm limitat fuq is-suq tal-UE. Il-kwoti tariffarji huma retroattivi mill-1 ta' Awwissu 2014, fid-dawl tal-quċċata staġjonali tal-produzzjoni ta' dawn it-tliet prodotti, iżda se japplikaw biss sa tmiem l-2015, meta jiskadi t-terminu għar-reġim tal-preferenzi awtonomi għall-kummerċ.

Il-kwoti tariffarji bla dazju għat-tliet prodotti kkonċernati huma limitat ħafna f'termini ta' volum meta mqabbla mal-produzzjoni rilevanti tal-UE (0,4 % għat-tuffieħ, 0,7 % għall-għajnbaqar u 0,6 % għall-għeneb tal-mejda). Anki meta nqisu l-effett kombinat tal-preferenzi awtonomi għall-kummerċ u tad-DCFTA, dawn il-perċentwali jibqgħu baxxi ħafna, u jkunu jittrattaw segmenti tas-suq differenti minn dawk tal-produzzjoni tal-UE.

Aktar fl-ispeċifiku, fid-dawl tal-qrubija kulturali u ġeografika, tal-aspetti li jixxiebhu fis-swieq agrikoli tagħhom f'termini ta' imballaġġar u pppakkjar tal-prodotti, kif ukoll tas-sitwazzjoni attwali tas-suq, huwa ferm probabbli li l-maġġor parti tal-volumi supplementari tat-tliet prodotti kkonċernati li se jidħlu fl-UE se jkunu assorbiti mis-suq Rumen. Pereżempju, skont it-tbassir tal-World Apple and Pear Association (WAPA), għal dak li għandu x'jaqsam mat-tuffieħ, ir-Rumanija din is-sena se tirreġistra tnaqqis tal-produzzjoni ta' 22 % b'segwitu għal andament dekrexxenti matul dawn l-aħħar ħames snin[1], filwaqt li l-kwota tal-preferenzi awtonomi għall-kummerċ tirrappreżenta biss 8 % tal-produzzjoni Rumena. L-importazzjonijiet ta' tuffieħ fir-Rumanija kważi rduppjaw (+93 %) matul l-istess perjodu filwaqt li l-esportazzjonijiet naqsu (-7 %).

Skont il-Kummissjoni, l-importazzjonijiet totali mill-Moldova lejn l-UE fl-2013 kienu jikkostitwixxu 0,1 % tal-importazzjonijiet totali fl-UE. Billi madwar 90 % tal-importazzjonijiet kollha mir-Repubblika tal-Moldova jidħlu fl-UE mingħajr dazju, l-importazzjonijiet tat-tuffieħ frisk, għajnbaqar frisk u għeneb tal-mejda frisk taħt prezz tad-dħul mill-Moldova rrappreżenta inqas minn 0,01 % tal-importazzjonijiet totali tal-UE fid-dinja ta' dawn il-prodotti. It-telf ta' dħul ta' tariffa korrispondenti se għalhekk ikollu impatt traskurabbli fuq il-baġit tal-UE.

Fl-aħħar nett, il-proposta tintegra wkoll l-emendi għall-kodiċijiet NM ta' ċerti prodotti (spelt, qamħ komuni u meslin u xgħir) indikati fl-Anness tar-Regolament dwar il-preferenzi awtonomi għall-kummerċ, sabiex ikunu riflessi l-modifiki introdotti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1001/2013. Dan l-adegwament huwa ta' natura purament teknika.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, ir-rapporteur jipproponi li l-Parlament Ewropew japprova l-proposta tal-Kummissjoni mingħajr emendi.

[1] http://www.wapa-association.org/docs/2014/European_apple_and_pear_crop_forecast_2014_-_Summary.pdf

03.12.2014

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova
(COM(2014)0542 – C8-0128/2014 – 2014/0250(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Laurenţiu Rebega

ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

L-emendar tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 li jintroduċi tliet kwoti tariffarji ġodda bl-eżenzjoni ta' dazji għat-tuffieħ frisk, l-għeneb tal-mejda frisk u l-għajnbaqar frisk, hi miżura ta' appoġġ għar-Repubblika tal-Moldova fil-kuntest soċjali u finanzjarju diffiċli tagħha.

Aħna nappoġġjaw il-proposta tal-Kummissjoni għaliex:

- l-impatt finanzjarju fuq is-suq tal-Unjoni huwa limitat ħafna meta mqabbel mal-benefiċċji li din l-eżenzjoni tista' ġġib għall-irkupru finanzjarju tagħha;
- dan ikun ta' għajnuna għall-proċess ta' riforma nnifsu fl-agrikoltura fir-Repubblika tal-Moldova, li dejjem qiegħda tersaq aktar viċin l-istandards Ewropej;
- itejjeb ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Moldova.

Napprezzaw il-fatt li l-kwantitajiet li se jkunu suġġetti għal kummerċ b'arranġament preferenzjali mhumiex se joħolqu pressjoni addizzjonali fuq prodotti simili fis-suq tal-Unjoni.

Pereżempju, fil-każ tal-għeneb frisk, id-data mill-awtoritajiet tad-dwana tindika li 575 tunnellata biss (32 trakk) ġew esportati lejn ir-Rumanija. Is-sitwazzjoni tal-għajnbaqar u t-tuffieħ hija simili: mill-kwota preferenzjali eżistenti, 650 tunnellata biss (36 trakk) u 59 tunnellata ta' tuffieħ (3 trakkijiet) ġew esportati lejn ir-Rumanija. Barra minn hekk, it-total tal-użu ta' dawn il-kwoti huwa mistenni li jiżdied fil-perjodu li jmiss.

Peress li qed nirreferu għal frott frisk, dawn il-prodotti ma jistgħux jiġu ttrasportati fuq distanzi twal. Distanzi relattivament qosra jippermettu fluss ta' merkanzija friska fis-suq fuq terminu ta' żmien qasir u qasir ħafna. Il-prodotti mill-Moldova jaslu f'pajjiżi ġirien, u mhux fis-swieq l-aktar importanti tal-pajjiżi li jipproduċu frott frisk u li kienu affettwati direttament mill-embargo Russu.

Aħna konxji mis-sitwazzjoni tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex tal-Unjoni, iżda bl-aċċettazzjoni ta' din l-emenda, li se jkollha impatt minimu fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni, nagħtu prova tal-fatt li l-Unjoni kapaċi żżomm l-impenji tagħha lejn ir-Repubblika tal-Moldova. Anki jekk il-kuntest tas-suq tal-Unjoni tal-frott u l-ħxejjex jinbidel, l-Unjoni se tgħin lill-bdiewa Moldovani.

Dan it-tibdil se jkollu wkoll impatt soċjali, speċjalment għall-produtturi Moldovani li jkabbru dawn il-prodotti f'farms b'ġestjoni familjari żgħar u ta' daqs medju u li huma aktar affettwati mis-sitwazzjoni ekonomika nazzjonali u iżjed fit-tul. Grazzi għat-tibdil li qegħdin nappoġġaw, dawn il-bdiewa se jkunu jistgħu jżommu x-xogħol tagħhom u jipprovdu r-riżorsi finanzjarji meħtieġa għall-kummerċ agrikolu għas-sena ta' wara.

Jekk din il-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 55/2008 tiġi milqugħa mis-suq tal-Unjoni, fil-ġejjieni jinħolqu wkoll opportunitajiet ta' kummerċ ġodda mar-Repubblika tal-Moldova għal prodotti oħra tal-komunità.

******

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jipproponi li l-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni.

PROĊEDURA

Titolu	Preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova
Referenzi	COM(2014)0542 – C8-0128/2014 – 2014/0250(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 15.9.2014
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 15.9.2014
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Laurenţiu Rebega 6.10.2014
Data tal-adozzjoni	3.12.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 –: 5 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Richard Ashworth, José Bové, Paul Brannen, Daniel Buda, Nicola Caputo, Viorica Dăncilă, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Diane Dodds, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Edouard Ferrand, Beata Gosiewska, Martin Häusling, Anja Hazekamp, Esther Herranz García, Jan Huitema, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Elisabeth Köstinger, Zbigniew Kuźmiuk, Mairead McGuinness, Giulia Moi, Ulrike Müller, James Nicholson, Maria Noichl, Marit Paulsen, Laurenţiu Rebega, Jens Rohde, Bronis Ropė, Jordi Sebastià, Lidia Senra Rodríguez, Czesław Adam Siekierski, Marc Tarabella, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Gianluca Buonanno, Norbert Lins, Sofia Ribeiro, Annie Schreijer-Pierik

PROĊEDURA

Titolu	Preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova
Referenzi	COM(2014)0542 – C8-0128/2014 – 2014/0250(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	1.9.2014
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 15.9.2014
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 15.9.2014
Rapporteurs Data tal-ħatra	Sorin Moisă 24.9.2014
Eżami fil-kumitat	5.11.2014 3.12.2014
Data tal-adozzjoni	4.12.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 34 –: 4 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	William (The Earl of) Dartmouth, Maria Arena, Tiziana Beghin, Salvatore Cicu, Santiago Fisas Ayxelà, Christofer Fjellner, Eleonora Forenza, Yannick Jadot, Jude Kirton-Darling, Alexander Graf Lambsdorff, Gabrielius Landsbergis, Bernd Lange, Jörg Leichtfried, Marine Le Pen, David Martin, Emma McClarkin, Anne-Marie Mineur, Sorin Moisă, Alessia Maria Mosca, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Viviane Reding, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Matteo Salvini, Marietje Schaake, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Joachim Starbatty, Adam Szejnfeld, Iuliu Winkler, Jan Zahradil
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Fabio Massimo Castaldo, Dita Charanzová, Georgios Epitideios, Sander Loones, Fernando Ruas, József Szájer, Ramon Tremosa i Balcells, Marita Ulvskog, Jarosław Wałęsa
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Tunne Kelam, Judith Sargentini
Data tat-tressiq	5.12.2014